S

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
10 NOV 2021
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

**Fl-atti tal-Appell Numru __________________**

**[minn PA/06469/20] fl-ismijiet:**

**Raymond Demanuele (ID No. 249856M) u Joe Demanuele**

**-vs-**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar u Paul Caruana**

**Rikors ta' Raymond Demanuele (ID No. 249856M) et ai termini tal-artikolu 33 (1) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta**

1. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti ppreżentaw appell mill-PA/06469/20 fejn fost l-aggravji prinċipali huma qed jikkontendi illi l-applikant ma huwiex, fil-fatt, is-sid tas-sit kollu, senjatament ta' passaġġ li jiżbokka għal bieb numru 140, Triq il-Kulleġġ, Rabat (Malta). Huma qed isostnu illi għandhom sehem fi proprjeta' f'dan il-passaġġ, kif *del resto* jirriżulta mill-kuntratti tal-istess applikant.

2. Illi għalhekk hija l-fiehema assodata tal- esponenti illi jekk l-eżekuzzjoni tal-permess PA/06469/20 ma tiġix sospiża, il-preġudizzju kkawżat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-preġudizzju kkawżat jekk tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-permess u kif ukoll illi tali żvilupp (konsistenti fi żvilupp fuq dan il-passaġġ) **ma jistax** jiġi faċilment imneħħi jew imqiegħed lura fl-istat li kien qabel dak l-iżvilupp.

Għaldaqstant, l-esponenti għar-raġunijiet kollha premessi, u għar-raġunijiet imsemmijja fir-rikors tal-appell tagħhom, jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal, sabiex għar-raġunijiet premessi jissosspendi b'mod sħieh, permess ta' deċiżjoni parzjali, l-eżekuzzjoni tal-Permess PA//06469/20 a tenur tal-artikolu 33(1) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta.


**Avv. Andrew Sciberras**
*203/1, Vincenti Buildings,*
*Triq l-Ifran*
*Valletta*
*andrew@sciberrasassociates.com*


Appellanti: c/o Raymond Demanuele, 2, "Kewkba ta' fil-Għodu", Triq J. Borġ, G'Manġia, Pieta' PTA 1210